





Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar l- Effiċjenza Enerġetika

Sommarju tat-tieni sessjoni

[Mill-15 sas-17 ta' Marzu 2024]



Mill-ostakli għas-soluzzjonijiet: Sommarju tas-sessjoni interattiva online

It-tieni sessjoni tal-Panel ta' Ċittadini Ewropej dwar l-Effiċjenza Enerġetika ġabret mal-144 parteċipant mill-UE kollha għal dibattitu online fi tmiem il-ġimgħa, ospitat fl-ambjent virtwali online "Hyperfair" u f'Interactio.

L-objettiv tas-sessjoni kien li jiġu diskussi u abbozzati l-ewwel rakkomandazzjonijiet abbażi tas-sitt suġġetti ewlenin identifikati matul l-ewwel sessjoni: tliet suġġetti settorjali (il-bini, it-trasport, u l-infrastruttura tal-enerġija) u tliet mistoqsijiet estensivi (il-ġustizzja soċjali, l-UE fl-ekonomija globali, u l-interessi tad-diversi atturi).

Bħalma ġara fl-ewwel sessjoni, fis-sessjoni online tas-Sibt iċ-ċittadini nqasmu fi 12-il sottogrupp, u d-diskussjonijiet seggew l-istruttura li ġejja:

- **Brainstorming:** Kull grupp ħadem fuq suġġett assenjat u esplora l-ideat biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika. Permezz ta' proċess iggwidat mill-esperti, iċ-ċittadini abbozzaw rakkomandazzjoni jew tnejn kull wieħed, b'rabta ma' dan is-suġġett.
- **Żvilupp:** Wara pawsa qasira, iċ-ċittadini rfinaw ir-rakkomandazzjoni tagħhom u għażlu "ambaxxatur" biex jippreżenta l-ideat tagħhom fi grupp ta' ħidma ieħor.
- **Feedback u rieżami:** Waranofsinar, kull grupp ġie mistieden jaħdem fuq rakkomandazzjoni ta' grupp ieħor billi jikkomenta dwarha, jikkomplementaha u jelaboraha. Dan fisser li l-gruppi setgħu jaħdmu fuq aktar minn suġġett wieħed u jżidu l-kontroll u l-feedback.

It-tieni sessjoni: Jum b'jum

L-ewwel jum

Diskors ta' merħba minn Mechthild Wörsdörfer, id-Deputat Direttur Ġenerali - id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija (DĠ ENER): *"Il-prinċipju ta' "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" imur lil hinn mill-applikazzjoni legali. Dan il-prinċipju jrid jiġi implimentat mhux biss fi żminijiet ta' kriżi iżda jrid jiġi segwit mis-setturi kollha f'kull mument."*

Ħarsa lejn il-kontributi fil-Pjattaforma għall-Involviment taċ-Ċittadini

Il-kontributi fil-pjattaforma ffukaw fuq disa' dimensjonijiet għal effiċjenza enerġetika akbar: sensibilizzazzjoni, rinnovazzjoni enerġetika, appoġġ u sussidji, mobbiltà, solidarjetà, tisħin, ħżin tal-enerġija ekoloġika, tidwil, u spazji ekoloġiċi u rispettużi.

Smigħ mill-esperti

L-esperti mill-Kumitat tal-għarfien taw il-feedback u l-għarfien espert tagħhom dwar il-kontenut tal-ewwel sessjoni bi

It-tieni jum

Is-Sibt saru diskussjonijiet f'sottogruppi. Il-format virtwali kellu bżonn xi aġġustamenti tekniċi fil-bidu tal-jum iżda wara kien hemm diskussjonijiet u skambji rikki.

Brainstorming fuq suġġetti ewlenin

Skont f'liema grupp kienu, il-parteċipanti ddiskutew tliet setturi (il-bini, it-trasport, u l-infrastruttura tal-enerġija), kif ukoll staqsew lilhom infushom dwar kif dawn is-setturi jista' jkollhom aktar effiċjenza enerġetika, kif ukoll iddiskutew kwistjonijiet aktar trażversali (bħall-ġustizzja soċjali, l-UE fl-ekonomija globali, u l-interessi diverġenti tal-partijiet ikkonċernati) ħalli jkunu jistgħu jiżviluppaw stampa kompluta tas-sistema tal-enerġija u l-komponenti tagħha.

Laqgħa online

Fi tmiem il-jum, il-parteċipanti ġew mistiedna jieħdu sehem f'avveniment aktar soċjali u rilassanti li permezz tiegħu żammew il-kuntatt flimkien u

It-tielet jum

Żewġ sottoplenarji b'75 parteċipant introduċew l-aħħar jum ta' din is-sessjoni. L-objettiv kien li jiġu skambjati l-fehmiet tal-parteċipanti dwar is-sessjoni online u jinstemgħu r-reazzjonijiet fuq ir-rakkomandazzjonijiet. Mill-ostakli għas-soluzzjonijiet, permezz ta' dawn is-sottoplenarji il-parteċipanti setgħu jaqsmu l-istess u l-esperjenzi personali tagħhom, x'tgħallmu mill-grupp tagħhom u jesploraw it-tensjonijiet u l-kumplessitajiet li kien hemm waqt l-eżerċizzju tal-abbozzar ta' rakkomandazzjoni.

Laqgħa fi plenarja:

Il-parteċipanti setgħu josservaw li għalkemm ma ħadmux fuq l-istess suġġett jew ma kellhomx l-istess punt ta' tluq għar-riflessjonijiet tagħhom, kien hemm similaritajiet u sfidi bejn l-ideat u s-soluzzjonijiet li ħarġu s-Sibt. Billi offrew sfumaturi mill-esperjenzi tagħhom, il-panel seta' jespandi l-perspettivi tal-parteċipanti u jtejjeb l-abbozzi tar-rakkomandazzjonijiet li se jiġu finalizzati waqt it-tielet sessjoni. Għad fadal xi mistoqsijiet inizjali li se jiddaħħlu fl-aħħar sessjoni ta' dan il-panel.

Aġenda tat-tieni sessjoni

L-ewwel jum	
14:30 - 15:30	Diskors ta' merħba u esplorazzjoni tal-ambjent Hyperfair
15:30 - 16:20	Preżentazzjoni tar-riżultati mill-ewwel sessjoni u input mill-Pjattaforma għall-involviment taċ-ċittadini
16:20 - 18:00	Approfondiment mal-esperti tal-Kumitat tal-għarfien dwar is-suġġetti ewlenin li tqajmu fl-ewwel sessjoni
18:00 - 18:30	Ħarsa lejn it-tieni jum

It-tieni jum	
9:00 - 9:30	Merħba u brainstorming dwar is-suġġetti
11:00 - 12:15	L-ewwel fażi ta' ħidma: Abbozzar tal-ewwel rakkomandazzjoni dwar wieħed mis-sitt suġġetti ewlenin
13:45 - 16:30	It-tieni fażi ta' ħidma: Titjib tal-ewwel rakkomandazzjoni biex tiġi ppreżentata lil grupp ieħor It-tielet fażi ta' ħidma: Ħidma flimkien - ħidma dwar ir-rakkomandazzjonijiet minn grupp ieħor
16:30 - 17:30	Avveniment soċjali u ta' riflessjoni fuq il-pjattaforma Hyperfair

It-tielet jum	
10:00 - 11:40	Sottoplenarji: Diskussjoni dwar l-abbozzi tar-rakkomandazzjonijiet maċ-ċittadini l-oħra biex jinġabru l-feedback u l-mistoqsijiet għat-tielet sessjoni
12:40 - 13:25	Plenarja: Feedback mis-sottoplenarji u preżentazzjoni tar-reġistrazzjoni grafika ta' Sylvain tad-diskussjonijiet ta' tmiem il-ġimgħa
13:25 - 14:00	Evalwazzjoni ta' tmiem il-ġimgħa u ħarsa lejn it-tielet sessjoni

[Ikklkja hawn biex tara r-reġistrazzjoni tas-sessjoni plenarja tal-](#)

[Ikklkja hawn biex tara r-reġistrazzjoni tas-sessjoni primarja tal-](#)

Tagħrif mill-esperti dwar is-6 suġġetti ewlenin

Yves Marignac, Association négaWatt, Franza: *Kif taħdem is-sistema tal-enerġija? Liema huma s-setturi tal-enerġija kkonċernati?*

Linda Steg, Psikologa: *Kif il-prinċipju “l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel” huwa relatat mal-informazzjoni u l-bidla fl-imġiba?*

Claudia Canevari, DĠ ENER, il-Kummissjoni Ewropea: *X’inhu l-ogħla livell ta’ żvilupp tekniku fl-isforzi attwali mill-UE għall-effiċjenza enerġetika?*

Arianna Vitali, Il-Koalizzjoni għall-iffrenkar tal-enerġija: *X’inhuma l-aspetti ewlenin tar-regolamentazzjoni u l-burokrazija meta nitkellmu dwar l-effiċjenza enerġetika?*

Camille Defard, iċ-Ċentru tal-Enerġija Jacques Delors: *X’inhuma l-opportunitajiet u l-isfidi meta nħarsu lejn il-kwistjoni tal-ħiliet u l-forza tax-xogħol b’rabta mal-effiċjenza enerġetika?*

Reinhard Six, Konsulent indipendenti, dwar il-finanzjament tal-effiċjenza enerġetika: *L-iktar kwistjoni kkumplikata: il-prinċipju “l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel” u l-finanzi*

Żewġ opinjonijiet esperti mill-plenarja

Yves Marignac, Association Négawatt

“ Is-sistema tal-enerġija hija kumplessa. Irridu nanalizzaw u nevalwaw il-komponenti kollha tagħha biex nifhmuha. Sew jekk nitkellmu dwar it-trasport, dwar il-bini kif ukoll dwar l-infrastruttura tal-enerġija, irridu niżguraw li kulħadd ikun jista’ jagħmel l-istess bidliet. Hija kwistjoni ta’ ġustizzja soċjali. Irridu nqisu wkoll il-kwistjoni tad-dipendenza enerġetika. Illum, ħafna mill-enerġija użata fl-UE hija importata. Nistgħu naħsbu fuq sistema tal-enerġija oħra li tkun ibbażata fuq ekonomija ċirkolari u lokali. ”

Linda Steg, Professur tal-Psikoloġija Ambjentali

“ Jekk nipromwovu l-vantaġġi ambjentali ta’ bidla fl-imġiba u nissensibilizzawhom dwar dawn is-suġġetti, in-nies se jkollhom aktar ħeġġa biex jaġixxu. L-informazzjoni li ċ-ċittadini jirċievu xi kultant mhijiex fattibbli jew attraenti biżżejjed biex jaġixxu (Eż. iżolament tad-djar għall-inkwilini, vetturi elettriċi ineffiċjenti jekk ma jkunux affordabbli għaċ-ċittadini). Irridu niftakru li l-ekwità ssaħħaħ l-aċċettazzjoni ta’ miżuri ġodda. ”

Iċ-ċifra ewlenija li ta’ min wieħed jiftakar

30 intervent fis-sottogruppi

Is-Sibt, il-membri tal-Kumitat tal-għarfien wiegħbu l-mistoqsijiet li għamlulhom il-gruppi ta' ħidma kemm bil-miktub kif ukoll b'xi interventi live fis-sottogruppi. Dan it-tagħrif għen liċ-ċittadini billi tahom aktar input biex ikomplu jżviluppaw id-diskussjonijiet tagħhom u r-rakkomandazzjonijiet relatati, tahom perspettivi ġodda, iddefinixxa elementi importanti, iċċara xi punti tekniċi u għenhom jaċċessaw aktar informazzjoni dwar ċerti suġġetti.

Mistoqsijiet u Tweġibiet ma' José (72), mill-Portugall

Kif tħossok wara dan it-tmiem il-ġimgħa online?

"Inħossni tajjeb ħafna. Kien interessanti ħafna nisma' mistoqsijiet u opinjonijiet differenti maqsuma mill-parteċipanti. Dan il-Panel huwa vera proċess ta' tagħlim. L-interventi mill-esperti kienu utli ħafna biex iwiegħbu l-mistoqsijiet tagħna u nidħlu fid-dettall fis-suġġett imqajjem waqt id-diskussjonijiet. Kuntent għaliex żammejt il-kuntatt ma' xi ċittadini li ltqajt magħhom fl-ewwel sessjoni u stajna nerġġu niddiskutu flimkien matul dan it-tmiem il-ġimgħa."

X'kienu l-kisbiet ewlenin tiegħek mis-sessjoni?

"Stajt inqabel id-differenzi bejn il-pajjiżi tal-UE: il-Portugall hawn ħafna burokrazija u l-proċeduri twal jieħdu ħafna żmien li jagħmluha diffiċli biex tiġi implimentata sistema tal-enerġija rinnovabbli jew biex isir investment fiha, pereżempju. Stajt nara kif il-komunitajiet tal-enerġija jistgħu jaħdmu bħala soluzzjoni biex jiġi żgurat il-forniment tal-enerġija, tiġi evitata l-ħela tal-enerġija u jitnaqqsu l-kostijiet. Naħseb li l-istudenti wkoll iridu jiġu sensibilizzati dwar dan is-suġġett fl-iskejjel għaliex dan il-ġejjieni tagħna u għandhom jitgħallmu dwaru."

Tkellimt dwar il-Panel ma' nies qrib tiegħek?

"Peress li kelli xi kwistjonijiet tekniċi, kellimt lil żewġt iħbieb tiegħi li huma iżgħar minni biex jgħinuni u b'hekk setgħu jitgħallmu dwar l-effiċjenza enerġetika, l-enerġija rinnovabbli, it-trasport, il-bini, il-burokrazija, eċċ. Tkellimna dwar ħafna suġġetti mal-Panel. Bis-saħħa tiegħu rrealizzajt kemm huwa importanti li kulħadd ikun jista' jaċċessa l-informazzjoni dwar l-effiċjenza enerġetika."

Tagħrif ewlieni dwar il-Pjattaforma għall-Involvement taċ-Ċittadini


9 dimensjonijiet u 20 suġġett taċ-ċittadini



[Agħti ħarsa lejn il-Pjattaforma għall-Involvement taċ-Ċittadini](#)

It-tmiem il-ġimgħa mil-lenti tar-registratur grafiku tagħna, Sylvain Mazas

Għat-tieni sessjoni, Sylvain Mazas ippreżenta l-evoluzzjoni tad-diskussjonijiet bil-grafiċi. Hawn taħt hawn ħarsa lejn xogħlu, li juri kif qabad il-proċedimenti tal-plenarja b'mod viżwalment attraenti, u b'hekk saħħaħ ħafna d-dinamika tas-sessjoni.



Tfakkira u objettivi tat-tliet sessjonijiet

L-ewwel sessjoni, mit-23 sal-25 ta' Frar 2024: L-esperjenzi taċ-ċittadini fl-effiċjenza enerġetika u l-fehim tagħhom tal-isfidi ewlenin għas-sistema kollha tal-enerġija.

It-tieni sessjoni, mill-15 sas-17 ta' Marzu 2024: Enfasi fuq il-mixja mill-isfidi għas-soluzzjonijiet kif ukoll l-abbozzar tar-rakkomandazzjonijiet.

It-tielet sessjoni, mit-12 sal-14 ta' April 2024: Konsolidazzjoni, dibattitu u approvazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet.